IT-TIENI KTIEB ĠUNJU
TAS-SEBA' SENA 1931

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GĦADD

---

Poëta titwieled, ma ssirx — P. Grabiel Fabricy O.P. u Mikiel Anton Vassalli (P. Serafin M. Zarb O.P.) — Żewġ irħamiet tal-Kaldin f'Paliermu (Alf. M. Galea) Id-daqqaqa' ta' dari (T. Z.) — Għanja ta' Mħabba Karmel Bethsajda — Nisel u tifsir il-kliem (Sajdun) Ir-regħba — Il-għorab (T. Z.) — Dwar ktieb tagħna tal-Knisja (Kan. G. M. Farrugia) — Ta' Frankuni (G. D.D.) — Id-dwell f'Malta fi żmien l-Ingliżi (Ġużè Gatt) Folklore Malti (A. M.) — Ir-rebħa ta' Pupull (T. Z.) — Aħbarijiet ta' kotba (S.)

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — IT-TIENI KTIEB TA' L-1931

## POËTA TITWIELED, MA SSIRX

*Erba' kelmiet liż-żgħażagħ*
*li jixtiequ jkunu poëti.*

Ma nafx ġralkomx bħali. Meta kont tfajjel ta' xi erbgħa jew ħames snin, kont, f'xi lejla sabiħa tas-sajf, inħares il-fuq lejn il-kwiekeb u narahom jilmaw u jlebilbu bħal djamanti jitħarrku; u ta' tfajjel li kont, għaddieli bosta drabi minn rasi li minn fuq il-bejt tad-dar tagħna kont nista' nilħakhom, narahom sewwa u, għandi mnejn, naqla' xi waħda wkoll. Iżda meta rnexxieli nitla', fuq il-bejt, rajt li dik tiegħi kienet ħolma, għaliex il-kwiekeb ma kenux hemmhekk, iżda fil-għoli iżjed, bosta u bosta iżjed.

Hekk, bejn wieħed u ieħor jiġri lil ħafna żgħażagħ, meta jaqraw xi kotba tal-poëżija. Tibda biex tħajjarhom it-tifsila tal-versi li m'humiex, bħal tal-proża, kollha daqs wieħed minn tarf sa tarf tal-paġna, imma aqsar u magħżulin aħjar minn xulxin; imbagħad, fil-qari, iħossu ftit jew wisq il-għadd tas-sillabi, il-waqgħet tal-leħen, u jisimgħu ġo l-versi bħal daqq moħbi li jissaħħaħ fit-tqabbil tal-kliem, xi drabi mbewwes u xi

drabi imqabbeż kif l-awtur ikun deherlu l-isbaħ u l-aħjar; u jispiċċaw biex fl-aħħar jaraw fil-ħsebijiet u fix-xbihiet li hemmhekk ġabar u żejjen il-poëta bħala dija li tiġbidhom, tisraqhom. U billi l-kliem tal-poëżija jafuh, u jidher hemmhekk imsawwar kif joħroġ minn fomm kullħadd, traku jaħsbu li jistgħu, bi ftit tal-ħsieb, tal-għaqal u tas-sabar, jaslu jagħmlu bħalha: u arahom f'xi lejla siekta, mitfugħin fuq mejda, igħoddu sillabi b'subgħajhom, itambru fuq wiċċ il-mejda bis-saba' tan-nofs ma' waqgħet il-leħen, u jaħlu sigħat u sigħat telgħin u nieżlin mat-taraġ tas-sillabi, tat-tqabbil u tal-versi biex jilħqu din l-imbierka ta' poëżija: xogħol mitluf, għaliex din tagħhom aktarx tkun ħolma bħal dik tal-kwiekeb.

U ngħid li tat-tieni hi ħolma agħar minn dik ta' l-ewwel; għaliex it-tfajjel li jitla' fuq il-bejt għall-kwiekeb, jintebaħ minnufih li ħolom; iżda ż-żagħżugħ li jixxabbat u jsil għall-poëżija, jekk ma għandux is-sejħa, ma jintebaħx malajr, u erħilu jfassal versi u strofi bla qies, zopop, imxattra, mifluġa, illi jbikku lil kull min jitħem kemm żmien, jaħasra, u kemm ħeġġa jkunu swew lil dak l-imsejken li waqa' taħt il-magħmul ta' din is-saħħara, qalila daqs kemm sabiħa.

Jinħtieġ li ż-żgħażagħ jifhmuha, li biex tkun poëta trid titwieled hekk, għax minn ma jitwieledx poeta, ma jsir qatt, anqas jekk igħaddi għomru kollu jdomm u jqabbel versi.

# P. GRABIEL FABRICY O.P. U MIKIEL ANTON VASSALLI

Xi sitt snin ilu, waqt li kont fil-Biblijoteka tal-Istitut tagħna "Angelicum" ta' Ruma, ġie f'idejja ktieb ta' Mikiel Anton Vassalli, illi kien ta lil P. Grabiel Fabricy, O.P., teologu tal-*Biblioteca Casanatense*. Patri Grabiel kiteb żewġ tagħrifiet żgħar fuq il-ktieb, waħda fuq il-kittieb Vassalli, u l-oħra fuq isem il-ktieb.

Ftit xhur ilu, u sewwa sew fid-29 ta' Novembru tas-sena l-oħra, is-Sur Nin Cremona kitibli u qalli, illi huwa qiegħed jikteb il-ħajja ta' Mikiel Anton Vassalli, u li jixtieq li jiena nsiblu xi ħaġa fuq il-ħdax il-sena li dan il-għaref tagħna għadda ġewwa Ruma qabel is-sena 1796.

S'issa għad ma stajtx naqdi lis-Sur Cremona, il-għaliex fl-Arkivju tal-Congregazzjoni tal-Propaganda, ma hemm xejn fuq Vassalli; nittama illi malli l-Biblijoteka l-ġdida tal-Kulleġġ tal-Propaganda tkun lesta, wieħed ikun jista' jsib xi ħaġa fir-Reġistri tal-Kulleġġ.

Fil-waqt li aħna nisteanew ix-xogħol tas-Sur Cremona, sejjer nikteb dawn il-kelmtejn fuq iż-żewġ tagħrifiet li ħallielna P. Grabiel Fabricy.

Il-Kardinal Ġirolamu Casanata, imwieled Napli minn familja spanjola fit-13 ta' Frar 1620, miet Ruma fit-3 ta' Marzu 1700. Hawn kien ukoll Inkiżitur ta' Malta fl-1658, ħalla ħafna mill-ġid tiegħu lill-Ordni Dumnikan, sabiex iżomm u jkabbar dejjem l-imsemmija *BibliotecaCasanatense*, li għandha tkun miftuħa għal kullħadd, u fiha jkun hemm kull jum żewġ skejjel fuq is-"Somma" ta' San Tumas, u li jkun hemm Kulleġġ ta' sitt teoloġi sabiex jaħdmu u jaqbżu għall-fidi nisranija u għas-Santa Sede. Dawn is-sitt teoloġi kellhom ikunu: taljan, franċiż, spanjol, ġermaniż,fjamming u ngliż(1). Mita l-gvern taljan daħal Ruma fl-1870 l-Ordni Dumnikan kien għadu jagħmel id-dmir tiegħu sabiex ix-xewqat tal-kbir Kard. Casanata jiġu dejjem imwettqa, iżda l-Patrijiet malajr

(1) Fuq din il-Biblijoteka ara dak li kitbu P. R. Coulon, o.p., *Le mouvement Thomiste au XVIIIe siecle*, fir-*Revue Thomiste*, XIX (1901), 429-444; 628-640. P. Mortier, o.p., *Histoire des Maîtres Généraux de l-Ordre des Frères Prêcheurs*, VII, Paris 1914, 249-254.

ġew imkeċċijin u l-Biblijoteka, għad li minn dak iż-żmien ftit u xejn kisbet ħwejjeġ ġodda, għadha dejjem miftuħa għal min irid imur fiha.

Il-*Biblioteca Casanatense* kienet waħda mill-aħjar, mhux biss ta' Ruma, iżda tad-dinja kollha, u ftit huma l-għorrief li kienu jmorru Ruma u ma jmorrux jaħdmu fiha. Ma għandniex għaldaqshekk nistagħġbu li M. A. Vassalli, mita kien Ruma, mar ukoll fil-*Biblioteca Casanatense* u sar ħabib ta' P. Grabiel Fabricy, li f'dak iż-żmien kien wieħed mis-sitt teoloġi tal-Biblijoteka.

Mita fl-1791 Mikiel Anton Vassallo ħareġ wieħed mill-kotba tiegħu, u sewwa sew dan li għandna f'idejna, huwa mar u ħa wieħed lil P. Fabricy, u dan b'tifkira kiteb wara l-qoxra dawn il-kelmiet :

DONUM CL. AUCTORIS, MELITENSIS

ÆTATIS ANNUM TRIGESIMUM VIX AGENTIS.

"Mogħti mill-wisq magħruf kittieb, Malti li bil-kemm għandu tletin sena".

Billi aħna qatt ma kellna għalfejn nitkixxfu fuq il-ħajja ta' M. A. Vassalli, ma nafux sewwa dak li huwa magħruf fuq dan il-kittieb ta' Isienna. Naħsbu li s-Sur Cremona fil-ħajja li qiegħed jikteb, igħidilna sewwa mita twieled M. A. Vassalli. Jekk dan ma huwiex magħruf, minn din it-tagħrifa ta' P. Fabricy nistgħu naraw, illi Vassalli fis-sena 1791 kellu mat-tletin sena, iġifieri illi twieled fl-1761, u li kien Ruma aktarx minn xi ftit żmien fl-1791. (*)

Dan il-ktieb tal-għaref Malti jġib dan l-isem :

"*Michaelis Antonii Vassalli* (1) *Mylsen Phoenico-Punicum*

(*) Mikiel Anton Vassalli twieled Ħaż-Żebbuġ fil-5 ta' Marzu, 1764. Naħsbu għalhekk li dan il-ktieb kien tah lil P. Fabricy fl-1794, tlitt snin wara li kien ippubblikat.

A. C.

(1) Billi dan il-ktieb ġie miktub bil-latin, il-kittieb waħħal ismu, bħal ma kienu jagħmlu fi żmienu, bil-latin ukoll; u billi hawn kellu jkun *genitiv* kiteb *Michaelis Antonii Vassalli.* Il-familji ta' dan l-isem f'Malta huma kollha *Vassallo* u mhux *Vassalli*, għalhekk naħsbu illi għandu jinkiteb *Vassallo* u mhux *Vassalli*, bħal ma jiktbuh xi whud. Ara wkoll il-ktieb tal Kan. Pietru Franġiskn Agius *De Soldanis* (*Sultana*), li jitħaddet ukoll fuq l-ilsien Malti u ħareġ f'Ruma wkoll fl-1750.

*sive Grammatica Melitensis, Romae MDCCXCI, Sumptibus Auctoris*"

Wara l-ewwel faċċata P. Fabricy kiteb dawn il-kelmiet :

*fr. Gabriel Fabricy ord. praed.*
*Theologus Casanatensis*
*Cl. Auctoris Donum*

*Tò Mylsen in Melitensi Dialecto idem significat ac lingua.*
"*Mylsen* bil-Malti jfisser ilsien".

Ma huwiex fi ħsiebna nitħaddtu fuq din il-Grammatka ta' Vassalli: nittamaw, jew aħjar nistennew, ix-xogħol tas-Sur Cremona, li mingħajr biża' nistgħu ngħidu li jurina min kien dal-kbir ħabib tal-ilsien Malti.
Ruma, 11 ta' Marzu 1931.

**P. Serafin M. Zarb O.P.**

# FRÂK

(BIEX MA JINTILEFX)

## *THE TERROR OF THE DESERT* *

Għaddej bħal vleġġa l-ajruplan: fuq rasu
Dlam iswed faħam, li bla riħ inġabar:
Taħtu bħal baħar ta' blat samm u ramel;
Djar u siġar imkien... ħemda ta' qabar.

**Dun Karm**

* Dan it-titlu qiegħed taħt fotografija, miġjuba fil-"Photograms of the Year 1929", meħuda minn Capt. Alfred. G. Buckam (London). Din il-poeżija, magħmula biex tfisser bil-kliem dak li l-moħħ jifhem, meta l-għajnejn tara dik il-fotografija.

# ŻEWĠ IRĦAMIET TAL-KALDIN F'PALIERMU

Min ifittex, isib! U għax tgħid, bla ma fittixt, ġie f'idejja l-ktieb ta' F. Brydone, F. R. S. *Travels in Sicily and Malta*, Aberdeen, 1848. Fil-faċċ. 219 dan il-ktieb isemmi żewġ irħamiet, li ltaqa' magħhom l-Isqof ta' Lucera, li, milli sata' jaqbad minnhom, kellu fehma qawwija, illi aktarx il-belt ta' Paliermu twaqqfet l-ewwel darba żmien il-Patrijarki tal-qedem.

"Nisthajjlek tidħak bija u tmur tgħid li qiegħed inpasparlek", jikteb Brydone minn Sqallija lil ħabib tiegħu. "Ma nlumekx, għaliex, ngħidlek is-sewwa, jien ukoll ħadtha b'ċajta meta l-Isqof ta' Lucera qabad isemmili fuq din il-fehma tiegħu. Iżda l-Isqof ma jibnix fuq it-tafal, u jaf x'igħid! U xħin beda jfissirli u jurini li mhux jaqla' minn rasu, ħassejtni bħal miblugħ!... Fuq blata tar-rħam abjad li nsabet mas-sitt mitt sena ilu, fi żmien is-sultan Guliermu it-Tieni (1166—1189), naqraw xi ħżuż bi lsien il-Kaldin, u s-sultan riedhom jaqilbuhomlu bil-latin u bit-taljan biex ma jintilfux. L-isqof igħidli li nsabu f'Paliermu bosta bċejjeċ ta' rħam minqux bil-kitba tal-Kaldin."

Dan hu li jinsab miktub fuq waħda mir-rħamiet: "Żmien Iżakk, bin Abraham, li kien isaltan f'wied ix-Xam (Damasku), u Għesaw, bin Iżakk, f'Kux, qtajja kbar ta' Lhud u kotra oħra ta' ġens is-Semin, u bosta Feniċi ġew bi ħġarhom f'din il-gżira mfassla bi tlett ġnub, u waqfu hawn u għammru f'din ix-xtajta mill-isbaħ, u tawha l-isem ta' Panormus."

L-isqof qaleb bil-lsien il-latin il-kitba tar-rħama l-oħra li tinsab illum imwaħħla fuq wieħed mill-bwieb il-qodma tal-belt. Għandi fehma, jikteb Brydone, li meta dan il-bieb jiġġarraf, aktarx din ir-rħama tintilef darba għal dejjem. Inġibuha hawn bil-Malti mill-Ingliż ta' Brydone: "Ma hemmx alla ieħor għajr Alla wieħed. Ma hemmx setgħa oħra għajr dan Alla n-nifsu. Ma hemmx rebbieħ ieħor għajr dan Alla li aħna natuh qima. Din it-torri jagħmel minnu Safu, bin Elifaż, bin Għesaw, ħu Ġakobb, bin Iżakk, bin Abraham. Isem it-torri hu Bajik, u isem it-torri li hu qrib minnu, Farât."

X'jiswew dawn iż-żewġ kitbiet? għandhom x'jaqsmu xi ħaġa mal-ġrajja ta' Malta? Nifluhom u nagħirbluhom ftit. L-ewwelnett ma tridx wisq biex tintebaħ li mhumiex miktubin fi żmien il-ġrajja li jsemmu, iżda wara ħafna. L-ewwel waħda ssemmi l-Ihud. Issa jekk il-Ihud huma n-nisel ta' Ġakobb, dak iż-żmien kien għadhom mhux fid-dinja. Issemmi wkoll lil Abraham u tgħid li kien sultan ta' Damasku. Il-Kotba Mqaddsa ma jsemmu xejn fuq dan, iżda jgħidulna li Abraham kellu l-aqwa wieħed fost il-qaddejja tiegħu mill-belt ta' Damasku (Ġenesi 15,2) għalhekk jista' jkun li Abraham huwa u ġejj minn Ur Kasdim lejn Kangħan għammar għal xi żmien f'Damasku. Xi kittieba qodma, iżda li għâxu mijiet ta' snin wara Abraham, igħidu li Abraham kien sultan ta' Damasku. Iżda din fehma li ma tistax titwettaq (1).

It-tieni kitba hi kollha kemm hi Għarbija. Fl-ewwel kliem tagħha tistħajjlek qiegħed tisma' Għarbi jsalli, jew inkella l-*muweddin* igħajjat f'ħin it-talb *la ilaha ill'Allah*. Għalhekk aktarx li dawn iż-żewġ irħamiet minquxa fihom kitba Għarbija, bħall-ħaġra ta' Majmuna li nsabet Għawdex iu l-lum qiegħda l-Mużew tal-Belt (2). Iżda hu xinhu dawn lż-żewġ irħamiet miktubin aktar minn elf sena ilu juruna ji dak iż-żmien l-Isqallin jew in-nies ta' Paliermu kienu emmnu li s-Semin ġew Sqallija xi 1800 sena qabel Kristu. Kif tnisslet fihom din il-fehma ma nafux; aktarx li ħaduha minn għand misserijiethom. U jekk il-Feniċi marru Sqallija madwar 1800 sena qabel Kristu, mhux dik il-ħabta wkoll waslu Malta? Il-kittieba tal-ewwel ġrajja ta' Malta kollha jgħidu li l-Feniċi waslu Malta elf u xi mijiet ta' snin qabel Kristu. U hekk naraw li żewġ xiehda, Maltin u Sqallin, li ma għandhom x'jaqsmu xejn bejniethom, jersqu u joqorbu lejn xulxin biex jaqblu fuq żmien il-miġja tal-Feniċi f'artna.

**Alf. M. Galea**

(1) VIGOUROUX F., La Bible et les découvertes modernes; vol. I, faċċ. 452,

(2) Araw ix-xbieha tagħha fil-MALTI tas-sena 1926, faċċ. 54,

# ID-DAQQAQA TA' DARI

Karmnu t-twil kien iħobb jindieħes magħna u jħarref xi ħaġa li ġralu ma' tul ħajtu li ma kenitx bogħod missebgħin sena.

"Fejnu d-daqq ta' dari fl-ibliet? niftakar li qalilna darba waħda. Kieku qatt tisma' min idoqq il-lum. Mhux daqq ta' pjanu, għax dak logħob tan-nisa. Daqq ta' strumenti veri, vjolini, kitarri, kurnetta, klarinett, tanbur. Dari daqq filgħodu u filgħaxija kullimkien. Wara l-bwieb daqqaqa kull ħin u kull waqt, issa għax ħelset waħda, issa għax għammdet, issa għax rebħu kawża, issa għax ġiè r-raġel minn barra, issa għax it-tifel għadda mill-ezami, issa għax ħa l-quddiesa, issa festa ta' niċċa, issa għax il-Għid, u sejra dejjem. U frattant in-nies tisma' d-daqq kienet titfarraġ u min idoqq jaqla' x'jiekol. Jien, kompla Karmnu, tgħallimt indoqq il-vjolin fi żmien li l-ħwienet tad-duwi Balli, kienu lejl u nhar bl-isqallin idoqqu l-arpa, il-vjolini u l-kitarri. U swieli, smajtx! bdejt bil-Marjannina Stammalata u f'qasir żmien stajt ninbarka fuq tal-gwerra ma' erba' Sqallin li għallmuni l-kurnetta u għamluni raġel, għax dort nofs id-dinja a qlajt il-flus bis-sengħa li tawni.

Mita sbarkajt minn fuq id-*Defens* sibt malajr xogħol mal-banda ta' Indrì, u ma' tulek ja sena, bejn il-festi tan-niċeċ, bejn xi għors barra mill-belt, daqq għand in-nies, u daqq fil-festi kbar, kont indabbarha ġmieli.

Għar-rasi kont naħdem ukoll.

Filgħodu kont nasal wasla sal-barrakka t'isfel fejn kont insib qatigħ nies battala li kienu baħħru bħali, iħarsu dejjem lejn il-baħar b'xi tromba miksuba minn jaf kif u jagħmlu l-imħatri fuq il-vapuri barra l-ponot. "Dak faħħami minn Kardif għal Eniò, dak taċ-Ċumnija safra ġej mill-Baħar l-Iswed bil-qamħ għaċ-Ċisk, dak bark minn Susa biż-żejt għal Parelli, dik biċċa tal-gwerra ġejja minn Ġibiltà. Iva=lè,... lili ma tmerinix... min jilgħab imħatra?... Min hemm ninżel sad-Dwana fejn kelli gwardjan ħabib tiegħi li jaf kull min ġiè minn barra u fejn joqgħod.

"Taf? dal-għodu wasal Ġużê l-Gadraj mil-Lixandra, naħseb li ġieb erba' ħabbiet miegħu għax ilu hemm mas-sitt snin. Joqgħod il-Birgu, Strada Bonġornu".

Telf ta' żmien xejn, dgħajsa għal San Lawrenz.

Ġuże l-gadraj? Dak il-bieb bil-grada tal-ħadid—wasal mas-sebħ. Grazzi.

—Inħabbat. Min hemm?

"Jien ġejt nifirħilkom. Se' nġib il-sħabi jdoqqulek, għax fraħna wisq. Nifraħlek sur Ġużê, Alla tak grazzja li wasalt bis-Sliema. Ilna nistennewk, il-ġimgħa kollha nistaqsi jekk wasalx il-vapur. Ħsiebna dejjem fil-ħbieb".

—Ħa ma rridx daqq. Kemm intom? ħamsa? aqbad uqitejn, ħa. Saħħa wisq.

—Il-għada l-gwardjan malli nasal igħidli. Ara dik ir-*Royal Oak*, ġejja miċ-Ċaina, ilha sentejn ma tidher. Hemm fuqha ħafna Maltin.

—"Naf xi tnejn, saħħa".

—U b'ġirja waħda għad-dar ta' Pupul Caruana, Balzunetta.

—Bup. Bup...

—Minn hemm, dat-taħbit kollu?

—Jien majjist. Ġibtlek bxara tajba.

—Jaqaw?

—Żewġek wasal—għadu kif daħal fil-port; ġejt bla nifs għax naf kemm ilek tistennieh.

—Fħajjiet Alla. Ħâ Dadda tieh nofs biċċa x'jixrob tal-bxara. Isa libbes lil ħuk ħalli mmorru nieħdu dgħajsa l-mol tal-Kurċifiss, ħalli jarana qabel jinżel.

—Grazzi, majjist wara nofs inhar niġi ma' sħabi ndoqqulek daqqa kif jixraq.

—Iva ejjew daqs kemm ilu nieqes, jaħasra.

U l-ġurnata ġewwa.

Is-sur Salv, il-pirkratur, Alla jatih il-ġenna, kien joqgħod ħdejna u mita tintrebaħ xi kawża mgħawġa kien dlonk igħarrafni.

—"Rebħitha bl-ispejjes u kollox, Carolin, ara x'tinkedd Mananni wara li nefqet ruħha."

—Ġirja waħda għand is-sa Carolin.

—Sa' Carolin ġejna nifirħulek minn qalbna. Ħaqqekx erba' valziet mill-isbaħ? Kullħadd kuntent li rbaħtha. Daqs kemm kellek raġun!

—Iva doqqu, ħalli jaqsam qalbu min jobgħodna. Doqqu ħalli tara min jien Mananni, u li flus għandi aktar milli taħseb hi. Ħa ħalli tifilħu ddoqqu.

—U xorb u flus u xi ħaġa x'nomogħdu wkoll.

Dik ħajja.

—Sur Ġann, it-tifel għadda,sejjer inżerżaqlek polka mażurka kif naf jien.

—Le Karm, wara l-bieb ma rridx daqq. Ħa, għalik u għal sħabek u mur doqq xi ħaġa quddiem l-Istatwa tal-Karmnu għax dik talbet għalija.

—U dawk il-bawxati fl-irħula. Għors għand xi gabillott gwapp. Daqq minn filgħodu sa filgħaxija. Ikel bix-xaba', xorb, tazza wara l-oħra, u l-ħaddara tgħajjat u taqbeż—Kull-ħadd ma' tiegħu, qabbiżija, in-nisa bezzun — u aħna, Qumpappa, doqq u kul u ixrob.

—U biċtejn minn għand Marozz tal-ġwies għax kellu l-ewwel tarbija, u tletin biċċa fl-ewwel tas-sena f'dawra tal-belt. Daqq taċ-ċajt, għax malli jħallsuk iddoqq tar-Reġina u tmur għal xogħlok.

U fil-Karnival dik il-parata ta' fil-għodu? Kelli t-tifla ż-żgħira tlibbisa ommha ta' għarusa u tgħallima titfa' l-bews u aħna nonfħu fl-inħajjes u sħabna jħabbtu l-għowwied u l-gabarrè dejjem mimli u l-qasma f'ras ir-Randan tkun biż-żejjed biex iżżommna sal-Għid il-Kbir.

Ftit ftit kollox beda jonqos, l-aħbar ta' min ġiè mis-safar b'diet tasal qabilna, tiġi mis-safar ma saretx ħaġa aktar tal-ferħ. Min għandu tarbija ma jridx daqq, irid żieda fil-paga, min rebaħ kawża jkollu ħsiebu kif ser iħallas bi spejjes tal-qorti, u jekk tgħidlu ser indoqqulek, jibgħatek għand il-frieġħen.

Wara l-banda tar-ram tħajru l-vjolini u l-kitarri, niftakar il-ġemgħa *taz-zigilo* li spiċċat fix-xejn u wasalna għal għomi taż-Żejtun li jdejqulek qalbek. U min baqa' u la hu għama u l-anqas hu miż-Żejtun u l-anqas jaf idoqq.

"Kollox għadda u mar," qal fl-aħħar Karmnu, għax it-tabakk tal-pipa ħarqu kollu u l-mastka li sqejnih ġibitlu ngħas.

—Xi rrid ingħid?— spiċċa biex qal. Is-snajja kollha marru l-ura u n-nies bil-geddum is-sena kollha u minn kien jaqla' ħamsa rbgħajja b'ħiltu sab ruħu b'idu f'idu. Il-lum ma baqâx ħlief min jonġor, min jaqta' l-blat u min isewwi t-toroq, min kien idoqq biegħ l-istrument lil taċ-ċraret u daħal jaqdi xi faċenda.

Id-daqq baqa' fil-każini biss, għax barra qajla jdoqqu. Jien mita jkun hemm banda ninħall u ma nitqanqalx qabel tispiċċa. Dik il-hena tiegħi, għax tfakkarni fil Marjannina li daqqejt bl-ewwel vjolin li kelli, fis-safar tiegħi, indoqq dejjem fuq il-baħar, u fi żmien Indrì li għallimni kif naqla' x'niekol bil-kurnetta. Min jaf x'sar minnu Karmnu t-twil?

T. Z.

# GĦANJA TA' MĦABBA

Ilqagħha din il-għanja,
maħbuba ħanina,
ilqagħha kif sħuna
hi ħierġa mill-qalb;
ilqagħha, ntennilek,
bil-ferħa, bil-ħlewwa,
u nitma li tisma'
dan tiegħi t-talb.

Qatt jiena ma ninsa
dik l-għodwa ta' Mejju
li fiha għajnejna
iltaqgħu ħenjin:
li fiha daw' qlubna
itrabtu bl-imħabba,
u wegħdu li jibqgħu
sad-dwiem ta' xulxin.

Ilmaħtek għaddejja
minn ħelwa mogħdija
minn qalb l-ogħna għlieqi
imfawra bil-bħur;
u dhert int tissaħħar,
titgħaxxaq, tithenna
bil-ġmiel li qoddiemek
kien jidher miġbur.

Sellmitlek il-ħdura,
bisitek il-fewġa,
u b'għana ferrieħi
l-agħsafar laqgħuk,
w-imtajra ma' dwarek
bħal donnhom imbenna
il-friefet bħal dehru
il-merħba jatuk.

Bid-daħka fuq fommok
sellimtli bil-ferħa,
w-għalkemm le kellimtni
kellmuni għajnejk:
ħarist ħarsa sbejħa
li nifdet 'il-qalbi,
li lili bħal talbet
biex ħieni ntir lejk.

Għalkemm wiċċek ħawħa,
ja xebba tal-għasel,
u kliemek taz-zokkor,
ta' saħar għajnejk,
m'hux dawn li serquli
l-imħabba ta' qalbi
m'hux dawn li ġennuni
biex nibqa' hemm ħdejk.

Le tfittex in-naħla
il-werqa tal-warda
biex tmur minnha tiġbor
il-għasel wit-trab,
'mma tfittex il-qalba
tal-warda sabiħa
għax biss, biss fil-qalba
il-benna tinsab.

Hekk jiena, maħbuba,
ma ntliftx wara ġmielek,
'mma wara ta' ruħek
is-safa ssaħħart;
li kieku, ja xbejba,
kont xemx ta' sbuħija,
jew kont l-oħla dliela
li qatt dehret fl-art,

u le kellek ruħek
sew bajda bħal silġa,
jew safja bħal demgħa
li jġelben mill-għajn,
ma kontx sejj'r inħobbok;
il-ħlewwa bil-ħażen
hi mxebbħa ma' l-ilma
miġmugħ qalb it-tajn;

li jħajrek għall-ewwel
biex tixrob int minnu
(hu jidher bħal mera
u safi bħaż-żġieġ) ([1])
'mma kif inti tbewwes
xofftejk ma' wiċċ l-ilma
tarah q'ed jiddardar
u jnibbet il-ħmieġ.

Kont tkun bħala warda
li tiftaħ fil-għodu
imfawra bil-fwieħa
w-imsebbħa bil-ġmiel,
u tħares int lejha
sew-sew fil-għaxija
bla bħur int issibha
w-issibha titbiel.

U inti ħabbejtni
b'qalb safja, nadifa,
ħabbejtni b'imħabba
li ddewweb il-qalb.
"Li ngħixu kif Alla
jitlobna, jamrilna,
kif Alla jixtieqna,"
kien tiegħek it-talb.

U jiena, kif, jixraq,
bħal oħti ħabbejtek,
u fik dana ħsiebi
kien dejjem miġbur;
fis-siegħa tad-dwejjaq,
fis-siegħa tan-niket,
dik qalbek qawwija
jien sibtha bħal sur.

Hekk jibqgħu daw' qlubna
igħixu fis-sliema,
imsieħba annuna
fil-hemm u fil-ferħ
u Hu, li laqqagħhom
jum wieħed jorbothom
u fuqhom ixerred
il-barka wis-sebħ.

Wil-mewt li tifridna
nilqgħuha bis-sabar,
nilqgħuha, maħbuba,
ferrieħa f'kull ħin:
ruħ waħda mis-sema
u l-oħra mid-dinja
bl-imħabba marbuta
jitolbu għal xulxin

Sakemm fuq ix-xtajta
tal-ġenna niltaqgħu,
biex hemm ħajja ħienja
ingħaddu flimkien:
għax hemm, la hemm firda,
la mrar u la slaleb,
'mma ferħ, hena u faraġ
ma tûlek, ja żmien.

**Karmel Bethsajda.**

---

(1) safi bħaż-żġieġ=ċar daqs il-kristall.

# NISEL U TIFSIR IL-KLIEM

Jaf kullħadd li fil-Malti l-kliem jitnissel dejjem minn nisel wieħed li ngħidulu *l-għerq* tal-kelma; hekk mill-għerq *d-ħ-l* jitnisslu *daħal*, *daħla*, *dħul*, *dħuli*, *madħal*. Għerq wieħed jista' jkollu ħafna kliem jew ftit imnissel minnu; u xi drabi l-għerq jew il-kelma tan-nisel tintilef u jibqa' biss il-kliem imnissel minnha. It-tifsir tal-kliem imnissel dejjem marbut mat-tifsir ta' kelmet in-nisel, u għalhekk jaħtieġ l-ewwel inkunu nafu t-tifsira ewlenija biex nifhmu aħjar it-tifsir l-imnissel. U dan il-ftit kliem li se' nsemmi hawn jurina kemm jiswa li nfittxu dejjem nisel il-kelma.

## MULEJ

Ġejja mill-kelma *Mula(j)* li baqgħet ħajja f'isem il-belt *Bur Mula* u fil-kunjom *Mula*. U *Mula* ġejja mill-għerq *m-u-l*, li fil-Malti jatina *mâl* jew *miel* u *mwiel* u jfisser *ġid*, *għana*; ingħidu bil-Malti: *fiż-żwieġ min ifittex il-ġmiel u min ifittex il-miel*. Mela *Mula* tfisser *raġel għâni*, *għandu ħafna ġid*. Minnħabba dit-tifsira l-kelma *mula* saret isem ta' ġieħ li nâtu lill-kbarât. Issa meta wieħed ikellem lil ieħor akbar u aqwa minnu ma jgħidlux, bħama ngħidulu la taljana: *sinjur*; imma jgħidlu: *ja sinjur tiegħi*, *ja sidi*. (1). U hekk il-kelma *mula* żiedet magħha s-suffiss *tiegħi* u saret *mulejja*=*sinjur tiegħi*. Mhemmx għal fejn ingħidu li *mula* tinbidel f'*mulejja* meta nkunu nkellmu lil min hu aqwa minna; meta nkunu nsemmuh biss bla ma nkellmuh, nibqgħu ngħidu *mula*. Il-kelma *mula* għâbet mill-Malti, iżda baqgħet *mulejja* u rabbiet il-għeruq bis-saħħa tat-talb nisrani li daħlet fih. Il-kelma *mulejja* nbagħad irġajna naqqasnielha ż-żieda tas-suffiss *ja*, iżda flok ma raddejnielha l-għamla tagħha ewlenija *mula(j)* bil-*j* siekta, għamilnieha *mulej*.

## MISRAĦ

Ġejja mill-verb *seraħ* li jatina fil-Malti *serħ*, *serraħ*, u jfisser *waqaf mix-xogħol*, *battal*. Mela *misraħ* tfisser *il-ħin jew l-imkien fejn wieħed jisraħ* jew *jiekaf mix-xogħol*. Imma dit-tifsira ma taqbelx mat-tifsira li natuha aħna. Iżda *seraħ*

(1) Hekk ukoll fl-ingliż ingħidu: *My Lord;* u fit-taljan: *madonna* li ġejja mill-latin *mea domina;* u fil-franċiż: *monsieur*, *madame*.

fil-Għarbi tfisser ukoll *ħâ l-merħla tirgħa*, jiġifieri, *ħariġha mill-maqjel u ħadha barra fil-wisa'*; mela *misraħ* tfisser ukoll *imkien fejn il-merħla tirgħa*; *wesgħa fejn wieħed jista' jimxi u jdur ħieles minn kull għaliq.*

## MITRAĦ

Bħall-oħra din ukoll ġejja mill-verb *teraħ* li jfisser *tefagħ, xeħet*; mela *mitraħ* hu *l-imkien fejn wieħed jitfa' jew jinxeħet.* Maż-żmien dejjaqna dit-tifsira u *mitraħ* baqgħet tfisser biss *dak li wieħed jimtedd fuqu.* Minn *teraħ* ġejjin ukoll : *mitruħ* li tfisser *mitluq, mormi, bla saħħa* bħal bajda tattiġieġa *mitruħa* qabel il-waqt; *terrieħa* li hi xibka tas-sajd li s-sajjieda *jitfgħuha* bis-saħħa l-baħar, mhux bħal xbiek oħra; *terħa* tfisser il-qamħ jew ix-xgħir li l-bidwi *jitfa'* fuq il-qiegħa għad-dris. It-*terħa* li biha jitħażżmu r-rġiel, li ngħidulha wkoll *buxaqqa* u *futjana*, ma naħsebx li ġejja minn dan-nisel. Fil-Għarbi tas-Sorija tfisser *għata għal ras in-nisa.*

## MITRAQ

Xi tfisser dil-kelma ? Jekk inżidulha *a*, issir *imterqa* li kullħadd jaf xinhi. Ġejjin it-tnejn mill-verb *teraq*, li minnu mnissel *tertaq* (= *terraq*) u jfisser *ħabbat, żeppen u kisser frak.* Mela *teraq* tfisser *ħabat u daqq fuq xi ħaġa biex jaħdimha* ; u *mitraq* hi l-għodda li biha wieħed iħabbat fuq ħaġa oħra biex ikisser minnha u jaħdimha; bi kliem ieħor *martell.*

## IMGĦÂX

Jidhirlek li dil-kelma ġejja mill-għerq *m-għ-x*, li minnu ġejj ukoll il-verb *miegħex*. Le; il-kelma *imgħâx* ġejja mill-verb *għâx, igħix* u tfisser *dak li l-bniedem jaħtieġlu biex igħix, dak li wieħed jaqla' jew dak li bih wieħed jaqla' x'jiekol.* Din it-tifsira nbagħad aħna tajnieha lill-qligħ li wieħed jaqla' mill-flus mislufa. Bil-Għarbi *imgħâx* igħidulhom *fejda* jew *fejdet il-miel.* Mill-kelma *imgħâx* għamilna l-verb *miegħex.*

**Sajdun.**

## GĦIDUD MALTI
## LI FIH ĠMIEL, SAĦĦA, JEW ĦIEĠ.

1. "Tidħol damma" ma' xi ħadd, jew ta' xi ħadd, ifisser titħabbeb sewwa miegħu, bħal: "Daħal damma mal-ministru", jiġifieri "Sar ħaġa waħda mal-ministru."
2. "Iċċarċar iż-żmien" ifisser taħlih daqsxejn daqsxejn, bħal ma taħli l-ilma, meta tħallih iċarċar qatra qatra.
3. "Iċċantar il-logħob lil xi ħadd" ifisser "ittelfu ix-xorti fil-logħob". Tisma' lil xi ħadd igħid fuq il-logħob lil xi ieħor li jkun resaq lejh: Kif ersaqt inti, ċantartli l-logħob; ma nistax nirbaħ waħda.
4. "Toqgħod fuq il-ġuna". Ġuna tfisser il-bejta tal-ħamiem. "Iż-żgħar tal-ġuna", il-bċieċen. Toqgħod fuq il-ġuna ifisser tqum fuq tiegħek u turi setgħetek, jew jeddek. Xempju: Fl-aħħar missierhom qam fuq qaddu u qagħdilhom fuq il-ġuna.
5. "Tagħmel ċappatina" jiġifieri xi biċċa xogħol imgħarqa li tisfa fix-xejn jew fi ħsara. "Dam jaħsibha ħafna, dam jitħabat iżjed u flaħħar għamel ċappatina. Ċappatina minnha nfisha ssarraf tebgħa li tagħmel qatra tal-linka meta waqt il-kitba taqgħalek mill-pinna.
6. Mill-kelma "id" jitnissel ħafna għidud li neħtiġuh f'ħafna ħabtiet; ara:

   a) "Minn id għal id" jiġifieri, mingħajr ma jieħu sehem ħaddieħor. Atih din l-ittra, minn idek għal idu.

   b) "Ma jġibx għal idi" jiġifieri akbar milli nista' naħkem jew naqbad. Din il-għodda ma ġġibx għal idi.

   c) "Ma jiġix f'idejja" ngħidu għal wieħed li fis-snin u fis-saħħa jkun iżgħar min'na u ma jixraqx neħduha jew nissaraw miegħu.

   d) "Tiddi xi ħaġa" ifisser tgħaddiha lil ħaddieħor minn id għal id. Xempju: Tiftakar meta ġejt f'darek u iddejtlek ittra minn għand l-imgħallem tiegħi?

   e) "Tiddi" tfisser tati dawl qawwi, bħal ma tagħmel ix-xemx. Din il-kelma tnisslet mix-xebħ bejn l-id, meta tkun miftuħa beraħ, u ħaġa li tati dawl qawwi, għaliex f'għajnejna id-dawl qawwi, li joħroġ minn ħaġa tixgħel, jidher f'sura ta' raġġi li joħorġu mill-qalba, bħal ma s-swaba joħorġu mill-pala tal-id. Minn hawn ukoll il-kelma "dija" li għaddiet f'bosta u bosta ilsna, għalkemm b'tifsir ftit u xejn mibdul.

**Dun Karm.**

# IR-REGĦBA

Kelb, fuq l-ilma ta' għadira
b'għadma f'ħalqu kien għaddej,
lemaħ oħra ġewwa l-ilma,
qal: "naħtafha; jkolli tnej."

Ħalqu fetaħ biex jaqbadha...
Ċaff...il-għadam għab fil-qiegħ
Tqanqal l-ilma, ix-xbieha tħassret;
Ħsieb is-serqa tar mar-riħ.

"Jaħraq din ir-regħba tiegħi",
qal il-kelb donnu miblugħ.
"Kelli għadma tiswa ċ-ċapep,
tliftha... u se'r norqod bil-ġuħ"

# IL-GĦORAB

Għorab, darba, seraq ġbejna
tar biha f'rokna kennija;
rah id-dib, qal: "nikolhielha
dit-tajra tħobb il-foħrija."

"Ja għasfur iswed bellusi,
int iżżejjen il-ħolqien,
jekk leħnek jixbaħ lil lbiesek,
bħalek, ma jinsabu mkien."

Għal da'l-kliem il-għorab ħela,
l-isbaħ għanja xtaq isib;
fetaħ ħalqu... l-ġbejna waqgħet
sewwa sewwa f'ħalq id-dib...

Min f'wiċċek jaqbad ifaħħrek
għid: "dan b'xejn żgur ma jibqax,
"għax tal-bħur irid jitħallas,
"fuq li tak irid l-imgħax."

T. Z.

# DWAR KTIEB TAGĦNA TAL-KNISJA

Fost it-tifkiriet tal-qedem, ftit, iżda għeżież, li jagħnu l-Mużew tal-*Aula Capitularis* tal-Birgu, jinsab f'rokna Ktieb tal-għana tal-Knisja, li kemm għall-qedem kemm għall-ħtieġa tiegħu, jistħoqqlu li wieħed igħarraf xi ħwejjeġ fuqu.

Dan il-Ktieb ġie mqiegħed fil-Mużew ma ilux, u sibtu jien, fil-ħin li kont qiegħed inqalleb sarbut kotba qodma mqattgħa u kkamlati, u żgur li kien isib ruħu kkundannat għal ġol-ħuġġieġa, bħal tant imsejknin vittmi oħra li kieku ma għaraftx mill-ewwel xi jsarraf.

Wieħed li ma jifhimx malli kien jiftħu u jara dawk in-noti mqaret *(romboidali)* jew bħal-lewża, b'sieq imwaħħla magħhom, aktarx donnhom sarbut tajr bid-denb bħal dawk li jagħmlu t-tfal, kien bla dubju ta' xejn, iwaddbu għall-ħruq. 'Ma kollox xortih. Tini xortija u ixħetni l-baħar. Dak li hu sew għall-bniedem, kull tant hu sewwa iktar għall-ħwejjeġ ta' bla dehen. Mela, dan il-Ktieb ġie meħlus mill-ħruq, u mqiegħed fost ħwejjeġ oħra qodma, biex jarġa' mill-ġdid jiżżejjen u jagħmel il-wirja tiegħu, għal dawk li jifhmu xi ftit fl-Arkeologia. Nidħlu mela fis-suġġett li ħabbartilkom fil-bidu, u nitħaddtu mill-iqsar fuq dan l-imbierek ta' "Ktieb tal-għana tal-Knisja"!

Dan il-Ktieb, huwa mill-ewlenin edizzjonijiet, stampati f'Ruma bir-rieda tal-Papa Ġulju III; fih ħames quddisiet ta' Ġanni Pierluigi ta' Palestrina, u jġib id-data: 1572, bit-tipi tal-"Eredi di Aloisio Dorici, li kienu jġibu bħala sinjal tat-Tipografia tagħhom: NULLA . EST . VIA . INVIA . VIRTUTI. Dan il-Ktieb fil-għamla tiegħu hu xi ftit ikbar mill-għamla, hekk imsejħa, "In Folio" u fih 200 paġna.

Fl-ewwel wiċċ tal-Ktieb, imnaqqxa u stampata bix-*xilotipija* (stampa fuq il-għuda) hemm ix-xbieha kollha kemm hi, bil-qegħda u mlibbsa *in pontificalibus* u bit-tre renju tal-Papa Ġulju III, fil-waqt li qiegħed ibierek u jieħu mn'idejn Wiġi minn Palestrina għarkobbtejh, il-Ktieb tal-Quddies, minn dan il-Kittieb, għadu kemm tlesta. Ma' dwar din l-inċiżjoni, hemm bosta disinji oħra ta' bixkla mitoloġika: bħal-Titani, Satiri, Pegasi, maskri, u bosta strumenti tal-Mużka : ċirimelli, flawtijiet ta' Pan, mandolini u ħwejjeġ oħra.

Fl-aħħarnett, fin-naħa ta' fuq tal-ewwel faċċata, hemm miktub b'ittri bil-gotku: *Joannes Loysii Praenestini in Basilica S. Petri de Urbe capellae Magistri—Missarum Liber primus.* Dan il-Ktieb immela, kien l-ewwel volum, maħruġ mill-Palestrina qabel kotba oħra tiegħu.

Il-Ktieb iħaddan ħames quddisiet: erbgħa, għal erba' vuċijiet, u il-ħames waħda, għal quintett (ħames vuċijiet) u dawn huma: *Missa Ecce Sacerdos*; *O Regem cœli*; *Virtute magna*; *Gabriel Archangelus* u *ad Cœnam Agni provvidi.* Kull bidu ta' dawn il-quddisiet fih l-ittra majuskola **K** fil-bidu tal-*Kyrie*, maħduma b'arabeski, u xbihât ta' trabi (amorini) u x'aktarx f'nofsha, ix-xbieha tal-Papa Ġulju; bħal ma huma xejn inqas ittri fil-bidu ta' versi bħal ma huma: **E** tal-*Et incarnatus*; iċ-**C** tal-*Crucifixus*, l-**O** tal-*Osanna* li huma maħdumin b'sengħa fina, u b'reqqa tal-għaġeb.

Billi, bħal ma ntbaħtu, dan il-Ktieb, huwa tal-Kor u jissejjaħ *Corale* jew *Kyriale*, taħsbu li sejrin tiltaqgħu bħassoltu ma' Erbgħa rigi ħomor, u noti rettangulari. Xejn minn dan. Ir-rigi huma ħamsa, bħal tal-mużka l-oħra, u n-noti, għalkemm xi ftit jitbegħdu minn dawk tal-lum, fil-valur, jiswew l-istess; il-għaliex semibrevijiet, brevijiet, minimi u semiminimi niltaqgħu magħhom bla heda, flimkien mal-pawsi u aspetti. In-noti iżda, ma humiex fissi bħal tal-mużka li ngħidulha aħna profana; iżda jinżlu u jitilgħu skond il-qagħda tal-muftieħ, u f'hekk jixbaħ il-*Kant Ferm* jew monodiku: Dil-għamla ta' mużka, kienet titlob attenzjoni le ma bħalha, biex wieħed ikantaha, mingħajr ma jitfixkel fit-terzett, fil-quartett u fil-quintett; u aħna tal-lum nistagħġbu mhux ftit, li mdorrijin bil-karti jleqqu u stampa sabiħa, meta naraw kif kienu jaqraw u jkantaw tajjeb, b'rigi u noti ta' lewn wieħed, karta ħażina u tixrob, in-noti ta' taħt jidhru sewwa u jfixklu l-dawk tal-wiċċ, billi s-sengħa tat-Tipografija kienet għadha fi tfulitha.

Barra minn dan, jidher sewwa, li dan il-Kódiċi fiż-żmien kien xi ftit iżjed kbir milli jinsab il-lum, il-għaliex ix-xafra mġewħa tal-legatur, ħasditlu aktarx il-marġni li tidher imqaxqxa sa kemm messet it-tipi.

Volum hekk sabiħ u hekk ta' fejda, għandi naħseb li kien mistur b'legatura mill-isbaħ, bħal ma naraw f'kotba ta' dak iż-żmien. Dak iż-żmien ma kienx għad hemm bħal-lum: l-edizzjonijet irħas, u għalhekk il-kopertina tiegħu, kienet aktarx tal-ġilda tal-Marokk, imżejna b'ħafna tnaqqix tad-deheb. U dan kif wieħed jista' jiċħdu meta dan u sħabu

l-oħra (l-imsieken sabu l-mewt qabel il-waqt) kienu mogħtijin lill-Knisja ta' S. Lawrenz, minn xi Nkiżitur għani li ġiebhom miegħu minn Ruma? Iżda billi milli jidher kien imbgħabas biż-żejjed, il-legatura għerqet għal kollox u xi wieħed mil-legaturi ta' qafqaf infurrah u satru b'biċċa karta kaħla.

Il-ħtieġa ta' dan il-Kódiċi tiġi bil-bosta iżjed magħrufa kieku jien kont inġib quddiem il-għajnejn tal-qarrejja, il-ħajja, ix-xogħol, it-taħbit, iż-żmenijiet ta' Pier Lwiġi minn Palestrina, iżda sabiex ma ndejjaqx għal-lum, jekk Alla jislifni l-għomor, fuq dawn il-ħwejjeġ immur nikteb f'ħarġa oħra.

**Kan. G. M. Farrugia.**

# Il-Baqra, l-Għaniqa, in-Ngħaġa u l-Ljun.

*(Il-ħames ħrafa ta' Esopu - mill-ewwel ktieb ta' Fedru)*

Qatt ma jseddaq ftehim ma' min hu qawwi,
Turi l-ħrafa li ġejja l-għidud tiegħi.
  Baqra u għaniqa u ngħaġa minnha ġwejda
Kienu darba msieħbin ma' Ljun fil-kaċċa;
Kif dawna qabdu ċerv imġissem sewwa,
Hekk il-Ljun tkellem, malli saru l-ishma:
"Għaliex jisimni Ljun, nieħu ta' l-ewwel;
Tatuni t-tieni, għaliex jiena qawwi;
Tixraqli t-tielet, għaliex niswa iżjed...
Ħażin ikun għal min imissli r-raba'.
  Hekk id-Dorbies ħataf il-priża kollha.

**Dun Karm.**

# TA' FRANKUNI

Aħna l-Maltin meta ngħidu Frankuni ma nkunux infissru ħaġ'oħra ħlief id-dar jew l-Isptar tal-imġienen, imma Frankuni ma għandha x'taqsam xejn mall-ġenn. Din il-kelma ġejja mill-Kunjom taljan Franconi, familja għanja u nobbli taljana li kellha hawn Malta wieħed Kavalier li kien jismu Fabrizio Franconi, raġel għaqli, li ħadem bosta fuq ix-xwieni ta' l-Ordni bħala fizzjal, bħala kaptan u bħala ġeneral tax-xwieni, u mhux darba u tnejn tqagħbad mat-Torok u ħareġ rebbieħ.

Meta l-Ordni ddeċieda li għandu jsir il-bini ġewwa s-swar li ġew mibnija mill-inġinier Floriani u jħaddnu wesgħa kbira msejjħa *"il piano dei cappuccini"*, Franconi ħaseb biex jibni dar bħal ma kienu għamlu bosta kavalieri u nies oħra, għalhekk fl-24 ta' Jannar tal-1739, talab l-art, li kienet f'dak iż-żmien tingħata b'xejn.

Il-post li ġie lilu mogħti,u jinsab imsemmi fid-dokumenti, kienet l-art bejn il-ġnien tat-teżor u l-imtieħen tal-fundazzjoni ta' Cottoner il-Furjana.

Għall-ewwel kienet dakxejn ta' dar bi ġnien, imma l-Kavalier Franconi, żid il-lum, u żid għada, spiċċa biex għamel villa kbira u sabiħa mdawra bil-ġonna. Il-faċċata ewlenija tagħha kienet minn Strada Magazzeni fejn kellha żewġt ibwieb, wieħed kbir sewwa li jati għall-intrata u l-iħor żgħir li jati għal-ġnien! Min-naħa ta' Strada Fosse kellha bieb ieħor li jati għal xaqliba oħra tal-ġnien u t-triq imsejjħa San Tommaso kienet tispiċċa ħdejn biċċa ta' din il-Villa fejn kien hemm bieb li jati għall-mezzanin.

Il-bieb prinċipali kien jati għal ġewwa intrata wiesgħa sewwa, b'żewġ turġien wieħed f'kull naħa li jatu għal pjan wieħed. Kien fiha swali u kmamar imxerrdin l'hawn u l'hemm, iżda nieqsa minn dak l-ordni li naraw meta biċċa bini tiġi mtellgħa f'bixla waħda.

Il-ġonna ta' madwarha kienu sitta, mifruqin wieħed mill-ieħor: wieħed, li kien jati għas-sur tal-Miratur, kellu gallarija tal-ġebel miftuħa.

Kien fiha siġar u kannizzata fuq il-kolonni tal-ġebel u statwi tal-ġebel u għejjun mill-isbaħ.

Franconi kellu l-permess mill-Kunsill tal-Ordni, li wara mewtu jħalliha fuq l-ewwel ċipp tan-nisel tiegħu u hekk tibqa' tintiret minn ċipp għall ieħor, u jekk in-nisel tiegħu jintefa' kellha taqa' għand l-Ordni.

Insibu li b'Kuntratt tas-27 ta' Marzu tal-1777 ġiet mogħtija ċens għal ħamsin sena, u tarġa' fl-14 ta' Frar tal-1787 reġgħet għaddiet bħala ċens għand Liena u Luka Mattei, u fl-aħħar waqgħet f'idejn il-Gvern Ingliż b'kuntratt tat-30 ta' Settembru tas-sena 1802. Minn dak iż-żmien, jew xi ftit wara, ġew magħluqin fiha dawk l-imsieken li kienu morda b'rashom; iżda mita l-għadd ta' dawn kiber sewwa l-post ma kienx aktar igħodd għalihom, u saret ħafna kitba lill-Gvern mit-tobba ta' dak iż-żmien li fosthom insibu lil Dr. Griscti u lil Dr. Chetcuti.

Fil-Kitba li saret lill-Gvern intqal li l-post kellu bżonn ikun akbar u mibni f'post fejn hemm arja tajba u safja— F'wieħed mir-rapporti semmew il-għolja tas-Samra u f'ieħor biċċa art imsejħa ta' Gandolf. Sal-1852 kienu għadhom ma ħasbuhiex sewwa; nafu biss li dan l-istitut ġie mibni fix-xaqliba ta' Wieden Zita.

Fl-1871 insibu l-Villa Franconi użata bħala Mess tal-Ufficiali Ingliżi u ftit żmien wara ġiet maħtuta u fuq il-post ġew mibnija għoxrin biċċa bini bejn djar u mezzanini u żewġ triqat Strada Prima u Strada Seconda.

Għalkemm il-Villa tal-Kavalier Fabrizju Franconi nħattet u xejn ma fadal minnha, ismu mgħawweġ fi Frankuni baqa' jissemma, mhux bħala kaptan tal-baħar u gwerrier, kif insibu fuq il-lapida tiegħu fl-Oratorju ta' San Ġwann, imma biex infiehmu l-istitut ta' dawk il-morda msejħin imġienen.

G. D. D.

# ID-DWELL F'MALTA FI ŻMIEN L-INGLIŻI

Bħal ma ġa wrejna f'kemm il-għadd ta' dan il-Qari, li għalkemm kien hawn Liġijiet li jheddu pieni ħorox għal min jiddwella, dawn ftit li xejn ma ġew imsaħħa ma' dawk li ddwellaw. Barra minn hekk, xi drabi ġie li ddwellaw u l-biċċa ma nġiebitx quddiem il-Qorti, kif jidher milli għedna f'dak li ħadna mill-*Mediterraneo* tal-1842. Iżda, din il-ħaġa x'aktarx li kienet tibqa' moħbija, meta ma kenitx tiġri mewt fid-dwell li jsir, billi dawk li kienu jiddwellaw, jibqgħu biss midruba. B'dana kollu, iżda, meta l-pulizija kienet tkun taf li ser isir dwell, kienet tagħmel kull ma tista' biex ma tħallihx isir.

Fil-kitba li għaddiet minn taħt idejna ltqajna ma' żewġ każi ta' stedin għad-dwell li fihom indaħlet il-pulizija u għamlet li setgħet biex ma tħallihomx isiru.

Wieħed minn dawn il-każijiet ġara' fil-10 ta' Ġunju tal-1809, bejn żewġ barranin, wieħed jismu Pietru Denà u l-ieħor Karlu Buscioni. Dawn kellhom xi jgħidu bejnietom, f'ħanut tal-kafè, il-Belt, ħanut li kien jiġi ma' ġenb il-Lukanda msejħa *La Diana*. Fuq hekk, Denà stieden lil Buscioni biex għall-ħabta tat-tmienja tal-għada filgħodu, il-ħdax ta' Ġunju, jiltaqgħu barra l-bibien tal-Belt u jiddwellaw.

It-tilwim ta' bejn Denà u Buscioni u l-istedina għad-dwell, ġabar ħafna nies fejn il-ħanut tal-kafè li semmejna u l-biċċa nxterdet sewwa.

Wieħed minn dawk li sama' b'dan id-dwell kien jismu Manwel Zanchini, Awstrijak. Dana kien ħabib ta' Buscioni. Għalhekk, meta l-għada filgħodu Zanchini lemaħ lill ħabib tiegħu Buscioni dieħel id-dar, mar warajh biex jara jekk jistâx ikun li jdawru u ma jħallihx jiddwella. Iżda billi Buscioni ma riedx idur u jonqos minn kelmtu bħala raġel tal-ġieh, fuq li mhux hu kien li stiednu għad-dwell, Zanchini talbu biex jagħmillu ta' parrin fil-ġlieda ma' Denà. L-aktar li Zanchini ried jagħmel ta' parrin lil Buscioni, imħabba li huwa wkoll kien miksur ma' Denà, fuq li dan darba kasbarlu l-ġens tiegħu Awstrijak.

Wara dal-kliem ta' bejnietom, Buscioni daħal f'daru, u Zanchini telaq għal riħu.

Zanchini, wara li ħalla jgħaddi ftit tal-ħin, mar fil-ħanut tal-kafè li semmejna, fejn hemm sab ħafna nies miġmugħa u magħhom kien hemm Buscioni q'ed jistenna lil Denà biex flimkien imorru jiddwellaw. Iżda billi Zanchini baqa' dejjem xewqan li jħassar dan id-dwell, mar fuq Buscioni u qallu, li, fit-tilwim li kellu ma' Denà, jista' jmur u jġib il-biċċa quddiem il-Qorti, la darba Denà ma deherx. U ssokta wkoll igħidlu, li kemm il-darba jiġi Denà, iġibu miegħu u jlaqqagħhom flimkien.

Il-ħsieb ta' Zanchini, li qal hekk lil Buscioni, kien biex dan jitlaq qabel ma jasal Denà', inbagħad imur warajh, jilħqu u jara jistâx jerġa' jdawru biex ma jiddwellax.

Meta Buscioni ħareġ mill-ħanut u tbiegħed xi ftit, Zanchini telaq ukoll biex jilħqu. Iżda malajr intebaħ li l-Fizzjal tas-suldati Veterani Maltin (1) kien miexi jgħasses warajhom. Fuq hekk Zanchini reġa' l-ura lejn il-ħanut tal-kafè, bil-ħsieb li jgħaddi minn triq oħra biex jerġa' jmur jiltaqa' ma' Buscioni mill-ġdid. Imma billi meta wasal fil-ħanut, laħaq Denà, Zanchini mar fuqu u qallu : Sinjur, ejja miegħi ħalli nlaqqgħek ma' dak li qiegħed tfittex. Denà wieġbu : Lilek, la nafek u l-anqas ma għandi x'naqsam miegħek. Inbagħad Zanchini qallu: Kollox sew; ma ġara xejn; mela stenna hawn, ħalli mmur insibu.

Zanchini ħalla lil Denà fil-ħanut, u telaq waħdu jfittex lil Buscioni. Iltaqa' miegħu ħdejn il-Qorti. Zanchini qallu li Denà q'ed jistennih il-Kafè. Buscioni, wara li ftiehem ma' Zanchini, telaq lejn il-Kafè, imhejji bix-xabla tiegħu.

Wara li Buscioni telaq, Zanchini baqa' sejjer u, flimkien ma' tfajjel imgħobbi b'żewġ xwabel, ħareġ jistennihom barra l-bibien tal-Belt. Iżda meta għadda xi żmien jistenna għal xejn, Zanchini qata' li jerġa' jmur l-ura lejn il-Belt biex jiltaqa' magħhom u jara jekk issewwewx bejnietom. Għalhekk ħalla lit-tifel jistenna biż-żewġ xwabel, u hu telaq lejn il-Belt, fejn iltaqa' ma' Buscioni. Dan qallu li Denà talab skuża, billi qallu li l-biċċa ġrat f'waqt ta' saħna biss, u għalhekk Denà ma kienx bil-ħsieb li jgħaddi d-dwell il-quddiem. Qallu wkoll, li ftiehmu biex jerġgħu jiltaqgħu mill-ġdid għal ħabta tal-ħdax ta' filgħodu, ħalli dil-biċċa tissokta tissewwa quddiem il-parrinijiet.

Għal dal-kliem ta' Buscioni, Zanchini reġa' mar fejn ħalla t-tifel bix-xwabel, u ġarr l-ura kollox lejn id-dar.

(1) Għalkemm dawn il-Veterani Maltin kienu msejħa suldati, iżda s-servizz tagħhom kien, tista' tgħid, li jgħinu biss il-pulizija.

Iżda l-biċċa tat-tiswija waqfet hawn, għax il-pulizija arrestat lil Buscioni, lil Denà u lil parrin ta' dana, lil Ġanni Enrico, u ġagħlithom jibqgħu magħluqa f'darhom. (1)

Għal dana l-arrest, Karlu Buscioni, fit-12 ta' Ġunju 1809, kiteb ittra lill-Imħallef tal-Kriminal, Dr. Salvu Scifo. Fiha qallu, li billi kellu xi jgħid ma' Pietru Denà, jinsab magħluq fl-appartament tiegħu (ta' Buscioni), bħala arrestat, mill-jum ta' qabel. Dana l-arrest sar bil-ħsieb li jwaqqaf dik il-ħsara li setgħet tiġri ta' wara t-tilwim li kellu ma' Denà. Iżda billi dana l-arrest kien ta' bosta ħsara għalih, imħabba ħwejġu u n-negozju li kellu fil-Pjazza, talbu li ma jinsiehx, u li jatih is-setgħa li jista' jmur il-Qorti, fil-ħin lilu mogħti, biex jitlob li jiġi meħlus mill-arrest u li jkun jista' jaqdi dmirijietu.

Pietru Denà, fit-13 ta' Ġunju, kiteb ittra huwa wkoll lill-Gvernatur. Fiha qal, li billi spiċċa t-tilwim li kellu ma' Buscioni u l-biċċa ssewwiet, talbu li jkun ħanin u joħroġ Degriet li jeħilsu mill-arrest lilu u lil dawk li kellu x'jaqsam magħhom.

Għal dawn l-ittri ta' Buscioni u ta' Denà, is-Segretarju Pubbliku, E. F. Chapman, kiteb lill-Imħallef tal-Kriminal, fejn qallu, li l-Gvernatur qabbdu (lill-Imħallef) biex jeħles lil Denà u lil Buscioni, kemm-il-darba, iżda, ma jidhirlux li kellu jżommhom arrestati iżjed.

Iżda billi, bħal ma ġa għedna, il-biċċa kienet issewwiet, u għelhekk ma' kienx hemm biża' aktar ta' ġlied bejn Buscioni u Denà, l-Imħallef ġiegħel lil Toni Imbroll, Logotenent tal-Gran Viskont, biex igħarrafhom li kienu meħlusa mill-arrest. Magħhom ġie meħlus ukoll Ġanni Enrico, il-parrin ta' Denà.

Fl-istess sena (1809), li sar it-tilwim bejn Buscioni u Denà, saret ukoll stedina oħra għad-dwell, kif sejrin ingħidu.

Fl-14 ta' Awissu 1809, wieħed, ingliż, jismu Ġakbu Green, ġie mġiegħel, b'sentenza mogħtiha mill-Qorti, li jkanta l-palidonija, jiġifieri jgiddeb ruħu milli qal fuq il-mara ta' wieħed Lhudi jismu Mosê Abeasis. (2)

(1) Dari kienet drawwa, li meta xi wħud li jiksru l-Liġi, jinzertaw nies sewwa, flok ma kienu jiġu arrestati u mitfugħa l-ħabs, kienu jiġu preċettati li jibqgħu magħluqa f'darhom, flok il-ħabs. Dan il-preċett kien isir taħt piena ta' għadd ta' flus. Min kien jikser dan il-preċett u joħroġ minn daru, barra milli kien jeħel il-flus li semmewlu waqt li ppreċettawh huma wkoll jarrestawh u jżommuh fil-ħabs.

(2) Min kien igiddeb ruħu dari kienu jgħidu li jkanta l-palidonija. Xi drabi l-Qorti kienet iġġiegħel lil dak li jkun biex igiddeb ruħu f'nofs ta' triq, fejn kabel kien qasqas fuq għajru.

Il-għada, 15 ta' Awissu, Green bagħat stedina għad-dwell lil Abeasis. Din l-istedina bagħthielu mat-tifla tiegħu (ta' Green), jisimha Marija. Fiha qallu, biex, għal ħamsa tal-għada filgħodu, isib ruħu wara ċ-Ċimiterju tal-Ingliżi, il-Furjana, u miegħu jġib il-pistoli u parrin. Iżda Abeasis flok ma laqa' l-istedina, fit-18 ta' Awissu għarraf b'kollox lill-Qorti, u talab biex Green jiġi mwaħħal piena sewwa, kif igħidu l-Liġijiet ta' Malta.

Fit-23 ta' Awissu, Green ġie mressaq quddiem il-Qorti, fejn mhux biss qal li l-biljett tal-istedina bagħtu hu, imma wkoll żied igħid, li la darba Abeasis ma laqâx l-istedina, jibqa' jżommu bħala wieħed vili. Fuq hekk, Green ġie miżmum fil-ħabs.

Fl-aħħar jum tal-istess xahar, Green reġa' ġie meħud quddiem il-Qorti, fejn sarulu xi mistoqsijiet. Għal dawn wieġeb, li hu Ngliż, kellu 34 sena u jaħdem ta' ħajjat, u l-istedina għamilha, il-għaliex Abeasis u niesu għajjru lilu (lil Green) u lil niesu. Barra minn hekk, it-tifel ta' Abeasis darab f'rasu lit-tifel ta' Green.

Iżda l-Qorti qalet lil Green, li meta huwa ġie mgħajjar minn Abeasis u niesu, it-triq li minnha kellu jgħaddi, biex jitħallas, kienet dik li jgħarraf b'kollox lill-Ħaqq, u mhux jistieden għad-dwell, ħaġa li l-Liġi ma tridx li ssir. Barra minn hekk, il-ġlied tagħhom kellu jispiċċa wara s-sentenza li tat il-Qorti. Iżda hu (Green) flok ma qagħad għaliha, fittex li jitħallas b'idejh. Għaldakstant ir-raġunijiet li ġieb ma kenux biż-żejjed biex igħattu l-ħtijiet tiegħu.

Green wieġeb li t-tifel tiegħu ġie midrub u niesu mgħajjra wara s-sentenza mogħtija mill-Qorti, u dawn il-ħwejjeġ kienu li ġagħluh jaqa' biex jagħmel l-istedina għad-dwell. Għalhekk ma deherlux li ma qgħadx għal dak li minnu riedet il-Qorti, għalkemm f'din il-biċċa kien messu talab il-għajnuna lil Ħaqq.

Imma l-Qorti qaltlu, li bl-istedina tiegħu għad-dwell bil-pistola, huwa dejjem ħati quddiem il-Ħaqq, billi din ħaġa li l-Liġi ma tridhiex,u thedded pieni ħorox għal min jagħmilha. Fuq hekk, ix-xellej (Abeasis) u l-Fiskal (l-Avukat Prosekutur ta' dari) riedu li jsir ħaqq minnu, kif tgħid il-Liġi.

Għal dan it-theddid tal-Qorti, Green waqa' biex qal, li, li hu għamel ħażin li stieden lil Abeasis għad-dwell, iżda dan għamlu f'waqt ta' telfa u ta' għali li fihom sab ruħu mħabba l-ħwejjeġ li semma'. Għalhekk talab maħfra għall-ħtija tiegħu, u t-tama li din lilu tiġi mogħtiha, mhux biss imħabba l-għadd

kbir ta' familja li kellu, iżda wkoll għaliex għalkemm kien ilu f'Malta ħames snin, ma kienx jaf li l-Liġi ma tridx li jsir id-dwell.

Fid-19 ta' Settembru 1809 l-Qorti tat is-sentenza lil Green. Dan ġie mwaħħal, li ż-żmien li għamel il-ħabs, ikun flok il-piena li kien imissu jeħel. Green ġie meħlus mill-ħabs; iżda qabel telquh, ġie mhedded (ippreċettat), quddiem żewġ xiehda, li kemm-il-darba jerġa' jkollu xi jgħid ma' Abeasis jew ma' niesu, sew bil-kliem kemm ukoll b'xi għamil, jiġi mitfugħ għal xahrejn il-ħabs, minn dak il-ħin stess li jiġi maqbud.

Ġużê Gatt.

# Il-Bniedem jiżra', Alla jsaqqi u jkabbar.

Tal-isbaħ ward, qassis żara' f'qasrija,
miż-żrieraħ li ġo qasam nissel kien,
żerriegħa, fost l-oħrajn ta' ġens mill-isbaħ;
tal-ġraden żina, hena tal-wiedien!

Iżda għalkemm ż'ragħa b'gost u b'ħeġġa kbira,
billi xita m'għamlitx u ma saqqiha,
sogħ'b bih mhux ftit... għalla ma rax, ma nibtet...
u... daħal fih-in-nifsu dik-is-siegħa,

U... "x'jswa" qal "li l-Kelma nxandar t'Alla,
x'jiswa s-safa' tal-qalb u il-ħeġġa fija,
x'jiswieli l-għerf u x'jiswa qatt li l-kelma
taqa' f'art tajba, 'kk ma tiġi msoqqija,

Jekk Alla ma jsaqqix bil-Grazzja Tiegħu
il-kelma tiegħi li nkun żrajt fil-qalb!
—Tgħallimt Mulej u ndbaħt li maż-żerriegħa
irrid inżid ukoll, għall-grazzja, T-TALB."

R. M. B.

# *FOLKLORE* MALTI

(FRÂK BIEX MA JINTILEFX)

Fl-aħħar ħarġa ta' "Il-Malti" dehru xi taqbiliet ħelwin fil-fehma tagħhom u ta' min igħożżhom, li A. C. għaraf iġib wisq tajjeb taħt l-isem ta' Folklore Malti.

Kollha laqtuni sħiħ, iżda l-aktar dik li, kif qalilna A. C., qalhielu Mosê, il-compożitur tal-Malti. Laqtitni għax kemm jien u kemm ħuti għadna ntennuha sal-lum qabel norqdu kif kienet tgħallimna ngħiduha ommi, mita konna għadna żgħar biż-żieda ta' żewġ versi oħra, u, wara, versi oħra kif jidher hawn taħt.

(1) Se' norqod u nistrieħ
għal Alla u għall-erwieħ;
Se' norqod u nirpoża,
f'ġieħ Alla u Santa Roża;
Se' norqod u nimtedd
f'ġieħ Alla u San Ġużepp,

(2) Sodda . . . salib
imħadda . . . kuruna
Min iħobb lill-Bambin ċkejken,
ikollu xorti fil-ventura.

Missieri jgħid li meta n-nanna kienet traqqadhom u tibda tgħidilhom biex igħidu magħha xi talbiet, waqt li kienet tkebbibhom tajjeb wieħed wieħed fil-friex, kienet iġġegħilhom igħidu hekk:

Se' norqod u nistrieħ
għal Alla u għall-erwieħ;
Se' norqod u nirpoża
ma nibża' mill-ebda ħaġa.
Kristu, San Pietru, San Pawl
jekk hawn xi għajn ħażina
taqbeż il-barra minn hawn.

Ommi, nижżi ħajr 'l Alla, għadha mimlija bil-għomor. Sa minn ċkunitha, tgħid li kienet tħobb it-taqbil u l-għana Malti. Xi drabi ddum nofs siegħa tqabbel bla taf sewwa minn fejn tgħallmet xi taqbiliet sbieħ,għalkemm tgħid li 'l ommha dejjem

kienet tismagħha tqabbel u tgħanni xi drabi l-jum kollu. Qgħadt bil-qegħda ħdejha naqra l-folklore li ġieb "Il-Malti" u rħilha titbissem u tkabbel. Qaltli li wara t-taqbila (2) ingħidu din ukoll li dari kienet f'ħalq kullħadd:

(3) Ġesù Bambin
kemm int ħelu u ħanin,
bl-imħabba li tajtni,
biha ksirtli qalbi.
Qalbi lilek, sinjur, nati,
għax inżilt mis-sema tbati,
tbati mingħajr ħtija,
fejn ħallejt ħajtek għalija,
m'mindu kont ċkejken tarbija.

SKUNĠRAR U RIQI

Dwar il-ħatem tal-qarnita l-ġara għandha ħatem li ġiet li tisilfu lin-nies biex ifejjaq xi mard tal-għajnejn. Xi snin ilu z-zija sselfitu biex ħuha jfieq minn marda li kellu f'għajnu jgħidulha, qarnita. Dan il-ħatem aktarx imbierek u ma tisilfux kif ġieb u laħaq. Tgħid li hu tal-familja sa minn snin ilu, u l-lum tgħożżu daqs dawl għajneha. (X'jidhirlek!) Il-kuġina li qegħda maz-zijiet, tgħallmet xi talba u din it-taqbila dwar il-ħatem tal-qarnita. Din it-taqbila għandha minn dik li dehret fl-ewwel għadd tal-Malti 1931, Paġ. 18, li, kif tathieli miktuba xi ġimgħa ilu, nġibuha hawn taħt ukoll:

Basla . . . baslata,
Palma . . . palmata,
reġina . . . nkurunata,
mort il-baħar
rajtha fuq blata
għedtilha Marija x'għandek
qaltli għandi għajni tuġani
mort fuq bort (1)
sibt busbiesa ħelwa
saqqejtha bid-dmugħ ta' għajnejja
Santa Margerita
fejjaqli l-qarnita.

Ħal-Lia.

M. A.

(1) Forsi: (borg, bont jew bord).

# IR-REBĦA TA' PUPULL

— X'*Fiera* ta' raġel għandkom ħej !

— Il-lum qagħdet. Iridu jiġbru għall-festa? iridu jkabbru sptar? jixtru sturmenti lill-banda? nagħmlu *fiera*. Id-direttur jislef il-bitħa tal-iskola tal-Gvern, titlaqqa' banda iddoqq erba' bċejjeċ, jinkrew qabda bandieri, jitlaqqat ftit ħaxix, it-tfal ikarkru u jarmaw. Min għandu mbarazz li ma jambihx jibagħtu biex jeħles minnu, min għandu ħwejjeġ tajba jagħmilhom otterija u jiġbor flusu. Salt ġugarelli qodma u rħas jinħbew fin-nuħħala biex it-tfal jistaduhom. B'sold tixxejjer fuq bandla, tgarr għal raġel tat-tiben b'pipa f'ħalqu, tieħu biljett f'tiġieġa. Ftit tfajliet fuq ruħħom ibigħu fjuri, numri tal-otterija, bżieżaq tal-lastku. Fuq il-bieb ittri ta' xibrejn "DĦUL B'XEJN". Li jqaxxruk mita tidħol ma jiktbuhx, jistgħu jiktbu ukoll "ĦRUĠ B'XEJN" għax toħroġ xott bħal frawli. Dawn il-*fieri* nistħajjilhom nases kbar tal-vopi. Daħla wiesgħa u lixxa, dejjem nieżla għaddieq; qabda għalf mrejjaħ fil-qiegħ. Is-simar tan-nassa jinġabar l-isfel u joħnoq it-triq. Il-ħuta tidħol mingħajr ebda ħsieb tal-għelt u bla tfixkil għax il-ponot jiġu ma mneħerha mita tiġi biex toħroġ. Hekk in-nies fil-*fiera*, imma ħadd ma bagħat għalihom u għalhekk ħadd ma jista' jgemgem li ħadulhu flusu; għax min jidħol rajh f'idejh; jonfoq jekk irid. Jien għalija nħobbhom il-*fieri* u ma nitlifx waħda, għax in-għaddi iż-żmien, niltaqa' ma' ħafna nies, insib min iżegħel bija u nonfoq kemm jiftilli.

— Basta ma jiġrilekx bħal Pupull.

— Jaqaw? Dak dejjem bil-praspar fejn jersaq.

— Ġralu biċċa ħelwa wisq. Ara tgħidlu li għidtlek.

— Mela aħna tfal?

— Fl-aħħar *fiera* li saret, Pupull daħal l-ewwel nies mal-mara. Quddiem mejda lemħu is-sinjura Manini tbiegħ il-biljetti tal-otterija ta' kaxxa sbejħa tad-daqq; "xelin in-numru, magna tiswa ħames liri, ġdida fjamanta", kienet tgħid. Tafha lis-sinjura Manini, kemm għadha tridha, wiċċha dejjem frisk u daħkani, liebsa mill-aħjar, dħulija ma kullħadd u rasha ta' avukat. Il-mara ta' Pupull resqet tħares lejn il-Kaxxa, lagħbha nieżel għal dak il-ħlewwa ta' sturment:

— Nieħdu numru, Pupull?

— Pupull xtaq igħidilha lè, imma s-sinjura Manini kienet tiġi oħt il-mara tal-prinċipal tiegħu u kienet għamżitu malli wasal quddiemha.

— Nieħdu, x'irid ikun?

— Ħadu numru, u oħroġ il-għaġeb, mita nġibdet l-otterija, tala' n-numru tagħhom. Tista' taħseb x'ferħ, il-mara ta' Pupull mita rat li l-kaxxa tagħha. Sarrewhielha f'karta ştrazza u ħaditha d-dar, erba' passi mill-bitħa tal-*fiera*.

Malli daħlet, talbet lil żewġha jdoqqielha, għax hi qatt ma misset waħda. Pupull ma qalx "ma nafx" u midd idu. Sab irkaptu jati l-ħabel imma mita poġġa d-disk, ma satax idoqqlu. Waħħal ieħor ma samax ħlief żirr, żirr, żirr u xejn iżjed. Telaq ieħor, l-istess, żarżir u ebda sinjal ta' daqq.

"Il-mnigħel!... daħku bina" qal Pupull—"Neħodha lura u nurihom min jien."

— Stenna Pupull, naraw x'fiha sewwa, — qalet il-mara.

— Pupull l-anqas semagħha għax telaq il-barra bil-kaxxa taħt abtu u ma, waqafx ħlief mita ġie quddiem is-sinjura Manini li kienet qegħda tgħodd il-flus ma' sħabha.

—Sinjura, ma kontx nistenniha minnek. Din il-kaxxa ma d-doqqx. Għidt li tiswa ħames liri, u ma tiswiex ħames xelini.

"Tisħonx ħej, għax jagħmillek id-deni," qalet is-sinjura Manini li fehmet malajr x'kien ġara. "Int tgħid li ma tiswiex ħames xelini u jien biex nurik li tiswiehom natihomlok, aqbad" u telqitlu f'idu żewġ tmintax irbigħat.

Sinjura dawn se'r neħodhom biex nurik li kelli raġun nitkellem; u dar igemgem ma' żewġt iħbieb biex juri li lilu ma joqogħdlux dubbien fuq imnieħru.

Sa dat-tant, is-sinjura Manini raġgħet bdiet tbieħ il-biljetti tal-otterija... "xelin il-wieħed, magna tad-daqq tiswa ħames liri, mhux għal kullħadd, għal min jaf iħaddimha biss. Araw kemm id-doqq f'idejn min jaf" u waħħlet disk li bdiet ħierġa minnu ħlewwa ta' leħen li ma bħalu.

In-nies li kien hemm miġbura, mita raw li l-kaxxa li ġieb lura Pupull kellha dak il-leħen kollu, fehmu li kien għamel qassata u nfexxu f'daħka u bdew jitfgħu xi botta minn taħt, Ġaħan u mhux Ġaħan, ġidra, ħmar, baħnan. Inħallik taħseb demm Pupull kif beda ibaqbaq, xtaq igħid xiħaġa, imma kif teħodha mal-kotra? Fasdu t-tifel ta' Dumink tal-ħanut li billi nzerta ma' ġenbu ġibdu mill-komma

u qallu: "Mgħallem, ħu numru għandha mnejn tarġa' tiġi lilek". Ma kinitx kelma, Pupull xejjer daqqa ta' sieq lit-tifel u li laqtu fejn deherlu kien iħassru. Imbagħad telaq il-barra bħal bniedem fis-sakra u ma marx id-dar ħlief wara li dalam b'ruħ ommu u missieru. Kif ħelisha mal-mara ma nafx, imma ħafif ma ħelishiex sgur, daqs kemm kienet fer-ħana bil-kaxxa. Tassew kienet ferħa bla temma din tagħha, imsejkna ta' mara!

T. Z.

# AĦBARIJIET TA' KOTBA

**Ktieb in-Numri u Ktieb id-Dewteronomju** maqlubin mil-lhudi minn Dun P.P. SAYDON; *The Empire Press, 1931.*

Inħabbru dawn iż-żewġ kotba ħimkien, li huma r-raba' u l-ħames mill-Kotba Mqaddsa mfissrin bil-Malti minn Dun P.P. Saydon. Magħhom jintemmu l-ħames kotba ta' Mosê, li nistgħu nqisuhom bħala ktieb wieħed, miktub minn bniedem wieħed, bi ħsieb wieħed. Għalhekk min għandu l-ewwel tlieta ma jistax ma jkollux dawn it-tnejn ukoll, jekk irid ikollu ħaġa sħiħa.

L-aqwa tifħir li nistgħu nagħmlu lil dawn il-kotba hu li nsemmu l-ħeffa li biha qegħdin jixterdu ma' Malta kollha, u l-laqgħa sabiħa li qegħdin jagħmlulhom barranin għorrief fl-ilsna semin. Bil-kemm jilħaq joħroġ wieħed li ma nistaq-sux meta sa joħroġ ta' wrajh; naqrawh u nerġgħu naqrawh, u t-togħma bnina tiegħu ma tmurilna qatt. U għalkemm aħna, billi ma nafux bil-lhudi, ma nistgħux nifhmu x'jiswew dawn il-kotba bħala *traduzjoni*, madankollu nħossu fihom qawwa kbira li tagħlibna u tirbaħna. U mnejn tista' tkun ġejja dil-qawwa ħlief mil-lhudi mfisser b'reqqa ta' mgħallem? min ma jissaħħarx hu u jaqra, ngħidu aħna, it-tberik u t-teh-did ta' Alla f'Dewt. 28,1-68? U xi ġmiel ta' poeżija fl-aħħar għanja ta' Mosê f'Dewt. 32, 1-43?

Jalla dawn il-kotba jiġru dejjem f'idejn kullħadd, u jnisslu u jwettqu f'qalb il-qarrejja kollha l-imħabba lejn Alla u imħabba lejn il-lsien il-Malti.

S.

**Leħen il-Malti** maħruġ mill-*Għaqda tal-Malti (Università).* Darba fix-xahar.—*Empire Press* 1931.

Ġa tkellimna xi ħaġa fuq din il-għaqda ġdida li bis-saħħa taż-żewġ ħbieb u kittieba tagħna, Studenti tal-Mediċina, twaqqfet ġo l-Università: is-sur Briffa u s-sur Bonnici.

Il-Għaqda twaqqfet u malajr għamlet tagħha. Fix-xahar ta' Marzu bdiet toħroġ Rivista bil-Malti miktuba minn membri tagħha, bl-isem ta' *Leħen il-Malti* li qegħda toħroġ darba fix-xahar. Ma hemmx bżonn ingħidu li n-nies laqgħethom tajjeb, tant li ta' l-ewwel numru kellhom jarġgħu jistampaw it-tieni edizzjoni.

Xtaqna kellna l-wisa' biex nagħirblu sewwa x'kien fihom dawn in-numri, iżda biżżejjed ingħidu li fost l-ismijiet hemm dawk tal-aħjar kittieba bil-Malti. Iżda mhux dan biss: fost il-kittieba ħadna pjaċir naraw *ismijiet ġodda*, u din il-ħaġa ttina gost doppju, għax ittina tama qawwija li l-quddiem il-letteratura Maltija ssib min itellagħha l-fuq; u dan, mhux biex niftaħru,ikun frott ta' ħidma ċkejkna tagħna; għax din kienet il-fehma tagħna mita waqqafna l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Jalla dejjem iżjed u aħjar.

S.

* * *

**Ctieb Isaħija** miġub fil-Malti minn Alf. M. Galea. 1931. Stampat *għand is-Salesjani.*

Ktieb ieħor tal-Bibbja bil-Malti! Kull jum noqorbu lejn dak il-jum ħieni li fih aħna l-Maltin, bħall-ġnus l-oħra kollha nkunu nistgħu, b'rasna merfugħa, ingħidu li għandna l-egħżeż u l-egħref kotba miġuba bi lsienna. Infaħħru bil-qalb it-traduzzjoni ta' dan il-Ktieb u nħajru lil kullħadd li jżejjen il-librerija tiegħu b'kopja.

S.

# INWISSU

Bosta ħbieb ta' "Il-Malti" ħajruna biex dan il-Qari tagħna nibdew noħorġuh iżjed sikwit. Dan il-ħsieb kien ilu f'rasna-u konna ilna ntellgħu u nniżżlu biex naraw jekk din il-ħaġa tista' jew ma tistax issir. Rivista letterarja bil-Malti ġewwa Malta ma għandniex il-ħila nżommuha toħroġ darba fix-xahar? Mhux mill-Kitba jew mill-Kittieba jonqos, għax il-Kittieba tagħna qatt ma naqsuna li ma jtunix iktar milli nitolbuhom, u kitba mill-aħjar, għalhekk mhux mill-faqar tal-letterratura Maltija, kif iridu jġibuha xi wħud, ġejja l-marda; mela l-marda ġejja min-nuqqas ta' rieda tajba tal-qarrejja? Hekk konna naħsbu aħna sa ftit ilu, iżda għandu jkun, l-anqas ma hu dan il-bużilles, għax rajna l-ewwel numri ta' *Leħen il-Malti*, ir-rivista li qiegħda toħroġ il-*Għaqda tal-Malti* (*Università*) jinħatfu tant li kellhom jarġgħu jistampaw it-tieni edizzjoni tal-ewwel żewġ numri: il-marda mela kienet ġejja minn waħda minn dawn iż-żewġ ħwejjeġ:

1) il-bgħid minn ħarġa waħda għall-oħra ta'Il-Malti; jew

2) in-nuqqas ta' propaganda u ta' reclame.

Għalhekk iddeċidejna li, jekk naraw il-qalb mill-qarrejja tagħna, nibdew noħorġu ir-rivista tagħna *darba kull xahar*. Nibdew mis-sena li ġejja, bil-ħlas ta' żewġ xelini fis-sena. Iżda nixtiequ li l-qarrejja tagħna juruna fehmithom fuq din il-ħaġa, għax aħna ma rridux li nagħmlu xejn kontra r-rieda tal-biċċa l-kbira tagħhom.

Biex kemm jista' jkun ir-Rivista tagħna timxi fl-idejn ta' kullħadd u kullħadd iduq it-togħma tajba tagħha u jsir iżjed reclame, kif naħsbu li jinħtieġ, nibdew inħallu għal-bejgħ fil-ħwienet tal-Kotba għall-bejgħ ir-rivista tagħna, li allura tkun tista'tinbiegħ żewġ soldi l-kopja. Iżda l-aqwa reclame u l-aqwa propaganda nistennewha mill-qarrejja tagħna li *biss jekk iridu huma* aħna nkunu nistgħu nibdew u nissoktaw noħorġu dan il-Qari darba kull xahar kif bosta jixtiequ.

Mela jwiġbuna l-qarrejja fuq din il-ħaġa, u jgħinuna huma mill-aħjar li jistgħu, biex nirnexxu.

**EMPIRE PRESS**